MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 94/2001/1

**Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M.**

**v.**

**L-Avukat Dr Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta l-Avukat Dr Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) fil-5 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu qegħda titlob lil din l-onorabbli qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi appellata, bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellata inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni, tal-kawża fl-ewwel istanza u tal-preżenti proċedura.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet illi:

"Peress illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja u fil-pussess tal-fond numru sitta u tmenin (86), Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex;

"Peress li l-konvenuta hija proprjetarja tal-fond numru sebgha u tmenin (87) ta' l-istess Triq Santa Katerina, Xewkija. Ghawdex;

"Peress illi l-linja divizorja ta' bejn dawn iz-zewg fondi m'hijiex fizikament delimitata u tezisti kontestazzjoni bejn il-partijiet fejn tinsab din il-linja;

"Peress illi ricentement u zgur wara l-ewwel (1) ta' Settembru ta' tas-sena elfejn u wiehed (2001) il-konvenuta vjolentement u klandestinament bniet hajt li permezz tieghu ssegregat il-fond taghha minn dak ta' l-attrici u dan ghamlitu kapricjozament billi ghalqet u mblokkat bieb tal-hgieg li kien jaghti mid-dar ghall-bitha;

"Peress illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attrici;

"Talbet lill-konvenuta nomine tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. “Tiddikjara illi l-agir fuq imsemmi da parti tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;
2. “Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti hija tispurga l-ispoll minnha kommess;
3. “Tawtorizza lis-socjeta’ attrici sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuta hija taghmel l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuta;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 47/2001;

“Il-konvenuta imharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minna issa qieghda tigi ngunta;

“Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Mary Jane Xuereb.

“Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine li eccepiet illi:

1. “Perliminarjament, tecepixxi l-preskrizzjoni ta’ tletin sena u anke l-preskrizzjoni ta’ erbghin sena skond l-Artikoli 2143 u 2144 tal-Kodici Civili, stante il-bieb illi allegatament gie imblokkat recentement kien ilu imblokkat ghal bosta snin permezz ta’ injam u materjal iehor u matul dawn is-snin kollha s-socjeta’ attrici ma ghamlet l-ebda uzu mill-imsemmi bieb u qatt ma kellha access mill-imsemmi bieb ghal gol-proprjeta’ tal-konvenuta nomine u ghaldaqstant is-socjeta’ attrici ma tistax tezercita’ l-ebda azzjoni possessorja stante illi qatt ma kellha l-pussess allegat;
2. “Preliminarjament in-nullita’ u l-irritwalita’ tac-citazzjoni odjerna stante illi giet prezentata intempestivament;
3. “Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu illi l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jirradikaw l-azzjoni ta’ l-ispoll u cioe’ l-klandestinita’ u l-vjolenza tal-att in mertu ma jissussistux;
4. “minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta nomine teccepixxi illi fil-kaz odjern ma hemmx

lok ghall-azzjoni ta' spoll stante illi ma gie kommess l-ebda spoll mill-konvenuta nomine peress illi l-linja divizorja ta' bejn dawn iz-zewg fondi ilha bosta u bosta snin delineata. Is-socjeta' attrici ma tista' bl-ebda mod u manjiera kappriccozament twaqqaf lill-konvenuta nomine milli taghmel xogholijiet fil-fond proprjeta' taghha nomine u milli taghmel dawk ix-xogholijiet necessarji ta' manutenzjoni u protezzjoni tal-proprjeta' taghha nomine;
5. "Minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk xi darba s-socjeta' attrici kellha xi jedd kontra l-proprjeta' tal-konvenuta nomine, kull tali pretensjoni ilha zmien twil preskritta bil-ligi;
6. "Illi, in kwantu prokuratrici, l-esponenti tirriserva illi teccepixxi ulterjorment u li ticcara u tikkwalifika l-eccezzjonijiet taghha nomine;

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta nomine kkonfermata bil-gurament taghha.

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

"Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/01 u 79/05 u dawk tal-kawza numru 116/2005 bejn l-istess partijiet pendenti quddiem din il-Qorti wkoll, u allegati mal-kawza presenti permezz ta' diversi digrieti taghha.

"Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawza ta' spoll. Dwar kawza ta' dan it-tip gie mfisser illi:

"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha

huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;

"L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917;Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899,in re Decarcano vs.Cafici,Foro Catanese Vol.1889,pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);…..".[1]

"Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-Qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din:

(i) "li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*);
(ii) "li gie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u
(iii) "li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*);

"*Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*."[2]

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86

“Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

“*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e’ una misura di ordine pubblico,e’ un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L’articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore,la regola **“spoliatus ante omnia restituendus**”.Il perche’ l’azione di reintegrazione,compiuto lo spoglio,compete a qualunque possessore,astrazione fatta dal carattere del suo possesso,sia pur questo anche solo precario,o di origine illegittima,purche’ pero’ abbia il carattere esteriore dell’esercizio di un preteso diritto.”*[3]

“Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista’ tilqa’ t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit jekk jezistux dawn it-tliet elementi fil-kaz in ezami. Mill-provi mressqa rrizulta illi s-socjeta' attrici qed tilmenta ghax il-konvenuta nomine imbarrat bil-gebel bieb li mill-fond tal-M.U.S.E.U.M. jaghti ghall-bitha li in parti hi allegatament proprjeta' taghha wkoll. Dan il-fatt ma giex kontestat mill-konvenuta nomine, u rrizulta li x-xoghol sar minn hu l-Avukata Vella stess permezz tal-haddiema tieghu.

“Il-konvenuta nomine pero’ tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta' attrici illi din kellha l-pussess jew detenzjoni kif trid il-ligi fi hwejjeg simili sabiex ikun jista’ jinghad illi giet disturbata f’dan il-pussess u ghalhekk intitolata ghar-reintegrazzjoni, u dan ghal diversi ragunijet, fosthom dawk ta' natura petitorja, li pero' ma jistghux jigu kunsidrati f'kawza bhal din.

“Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha, ghalkemm ma semmiet xejn f'dan ir-rigward fl-Eccezzjonijiet taghha, l-konvenuta nomine titfa' dubbju dwar il-validita' tal-kawza billi ma ngiebet ebda prova dwar il-mandat li ghandha ta' Josephine Azzopardi, l-proprjetarja tal-fond adjacenti ghal dak tas-socjeta' attrici. Imma, apparti l-fatt li l-konvenuta nomine fil-kors kollu tas-smiegh ta' din il-kawza ma jidher li sabet ebda diffikulta' biex tiddefendi l-interessi ta' l-imsemmija klijenta taghha imsiefra, mill-istess Nota ta' l-

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino,para.271

Eccezzjonijiet taghha, u partikolarment fil-paragrafu sitta, tammetti b'mod inekwivoku li hija l-prokuratrici taghha.

"Nghaddu ghalhekk minnufih sabiex jigi nvestigat jekk jezistux l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex tirnexxi kawza bhal din.

"IL-PUSSESS

"Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa mehtieg f' kawza ta' spoll, inghad:

"*Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tigi milqughha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tezigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[4]

"Irrizulta fil-kaz in ezami illi l-fondi rispettivi tal-kontendenti originarjament kienu fond uniku, li wara li gie akkwistat ghal nofs indiviz kull wiehed minn Dun Frangisk Debono u Giovanni Spiteri, b'zewg kuntratti separati, gie maqsum bejniethom hekk kif stipulat f'kuntratt ta' l-20 ta' Marzu 1941.[5] Madankollu qasma fizika saret biss ghal dak li jirrigwarda d-dar u mhux ukoll ghall-bitha u l-mandra annessa. Sussegwentement il-parti ta' Dun Frangisk ghaddiet ghand is-socjeta' attrici b'wirt, u l-parti l-ohra giet f'idejn Josephine Azzopardi b'dota minghand missierha, Giovanni Spiteri. Sadanittant, pero' l-parti ta' Spiteri ghamlet zmien twil mikrija lil certu Djonisju Tabone li kien jghix hemmhekk bil-familja tieghu, u giet ivvakata biss wara li mietu hu u l-mara tieghu, xi ftit qabel ma giet istitwita l-kawza presenti. Fil-kaxxa tat-tarag tal-fond illum

[4] Fenech vs Zammit gia citata
[5] ara Dok.C a fol.21 -23 tal-process

tas-socjeta' attrici, kien hemm bieb li jaghti ghall-bitha. Dan il-bieb kien jinfetah ghal gewwa u kellu t-twieqi tal-hgieg u l-kontraporti. Kemm dam il-fond adjacenti mikri ghand Nisju Tabone, dan il-bieb ma kienx jinfetah, ghax, kif qalet Mary Jane Xuereb, is-superjura tal-M.U.S.E.U.M., Tabone kien izomm il-klieb f'din il-bitha, u billi huma kien ikollhom it-tfal ghad-duttrina, kienu jibzghu li dawn jistghu jaghmlu ghalihom. Ghalhekk kienu biss jifthu t-twieqi ta' dan il-bieb ghad-dawl. Wara pero' li mietu ta' Tabone, u l-post li dawn kienu jokkupaw gie vvakat, il-bieb beda jinfetah ghall-arja wkoll, kif baqa' jsir sakemm flimkien ma' l-allura Avukat tas-socjeta' attrici, ghaddew minnu sabiex jaraw kif setghet issir il-kumplament tal-qasma, wara li Josephine Azzopardi rritornat mis-safar u wriet l-intenzjoni li taghmel xi modifiki fil-fond taghha.

“Kif rajna fid-dottrina u gurisprudenza hawn fuq iccitata, ghall-fini ta' kawza bhal din huwa bizzejjed illi l-pussess jew detenzjoni jkun anke momentanju u lanqas hemm ghalfejn li jkun inkiseb b’mezzi legali. Huwa ghalhekk inutili ghall-konvenuta nomine li tallega li l-bitha ghal fejn kien jinfetah il-bieb in kwistjoni kienet saret taghha bil-preskrizzjoni u konsegwentemnet kellha kull dritt taghlaq dan il-bieb bil-gebel, kif fil-fatt ghamlet. Gialadarba gie ppruvat sodisfacentement li s-socjeta' attrici, ta' l-inqas ghal ftit zmien qabel ma giet istitwita l-kawza, kellha l-pussess tal-bitha, billi kienet liberament taccedi ghaliha minn dan il-bieb, il-konvenuta nomine ma setghetx taqbad u tiehu l-ligi f'idejha u x'hin ifettlilha timbarra dan il-bieb.

“L-ISPOLL

“Kif rajna, l-ispoll mertu ta' din il-kawza kien jikkonsisti fil-fatt li l-konvenuta nomine, permezz ta' haddiema mqabbda minnha, imbarrat bil-gebel il-bieb li mill-fond tas-socjeta' attrici kien jaghti ghall-bitha, li l-istess socjeta' tippretendi li ghandha parti minnha bi proprjeta'. Dan certament sar minghajr il-kunsens u konoxxenza ta' l-istess socjeta', li l-membri taghha ndunaw biss b’li kien gara xi granet wara li gie mblukkat dan il-bieb.

“IZ-ZMIEN

“Fl-affidavit tieghu l-mibki Avukat Dottor Michael Grech jispjega li kien mar fuq il-post fil-31 ta' Awwissu 2001 flimkien ma' Mary Jane Xuereb u ghaddew minn dan il-bieb biex jaccedu ghall-bitha, halli jkunu jistghu jaraw ahjar kif setghet issir il-qasma ta' l-istess bitha u l-mandra retrostanti. Imbaghad fis-7 ta' Settembru 2001 gie nfurmat li l-bieb tal-bitha kien sadanittant gie mbarrat u ghalhekk intavolaw mandat ta' inibizzjoni,[6] biex ma jitkomplewx isiru kostruzzjonijiet qabal ma ssir din il-qasma.[7] Jirrizulta ghalhekk illi x-xoghol lamentat sar bejn l-1 u s-7 ta' Settembru 2001 u l-kawza presenti giet intavolata fl-1 ta' Novembru 2001, precizament qabel ma lahqu skadew ix-xahrejn koncessi mil-ligi.

“Ghal dawn il-motivi, peress illi rrizultaw sodisfatti l-elementi kollha mehtiega mill-ligi sabiex tirnexxi kawza bhal din, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine, tilqa' t-talbiet attrici, u:

“1. tiddikjjara illi l-agir msemmi fic-citazzjoni jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin da parti tal-konvenuta nomine fil-konfront tas-socjeta' attrici;

“2. konsegwenetement tikkundanna lill-konvenuta nomine sabiex fi zmien xahar mil-lum tispurga l-ispoll minnha nomine kommess, billi tnehhi l-gebel li bih imbarrat il-bieb tal-bitha in kwistjoni; u

“3. Fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien hawn koncess, tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex taghmel ix-xogholijiet mehtiega hi stess a spejjez tal-konvenuta nomine.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta nomine.”

---

[6] Nru.47/2001 :Socjeta' Museum Sezzjoni Femminili vs Josepine Azzopardi quddiem din il-Qorti wkoll
[7] a fol. 29- 30

**Rikors tal-appell tal-konvenuta l-Avukat Dr Monica Vella bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi**

**2.** Il-konvenuta nomine ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

**3.** L-aggravji tagħha huma li ġejjin.

(1) Il-prokura

**4.** Fl-ewwel lok tinsisti li hija qatt ma kienet prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi. B'referenza għall-kumment tal-ewwel qorti fejn qalet li "*mill-istess nota tal-eċċezzjonijiet tagħha, u partikolarment paragrafu sitta (06) tammetti b'mod inekwivoku li hija l-prokuratriċi tagħha*", il-konvenuta nomine ssostni li dan ma hu minnu xejn u tispjega li dik l-eċċezzjoni kienet fis-sens li stante li hija ġiet imħarrka bħala prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi, kienet qed "*tirriserva li teċċepixxi ulterjorment u li tiċċara u tikkwalifika l-eċċezzjonijiet tagħha nomine*."

**5.** Hija targumenta li kienet l-attriċi li kellha ġġib tali prova, liema prova ma nġabitx għaliex ma teżistix; u ladarba din il-prova ma nġabitx l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

**6.** Tgħid ukoll li kien għaliex il-kawża ġiet istitwita b'dan il-mod li hija rrispondiet f'din l-istess vesti li ġiet imħarrka anke jekk ma hix prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi, għax inkella kienet tkun kontumaċi bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu.

(2) L-elementi ta' azzjoni ta' spoll:

**7.** *Il-pussess:* Il-konvenuta appellanti nomine ssostni li l-attriċi appellata ma ġabet l-ebda prova li hija kellha l-pussess tal-użu tal-bieb stante li dak in-nhar li seħħet id-diviżjoni fl-1941, qatt ma kellu funzjoni u qatt ma ntuża mill-attriċi għaliex wara d-diviżjoni ġie mblukkat bil-fallakki tal-injam u xkaffef min-naħa għal oħra, u dan min-naħa tal-proprjeta` ta' Giovanni Spiteri, l-predeċessur fit-titolu ta' Josephine Azzopardi. Anzi ssostni invece li kienet l-attriċi

li kkommettiet spoll kontra Josephine Azzopardi meta fil-31 ta' Awwissu 2001 daħlet fil-bitħa tagħha minn tali bieb, u kien propju għalhekk li Josephine Azzopardi, biex tipproteġi d-drittijiet tagħha ai termini tal-prinċipju "*vim vi repelier licet*" (sic), imblukkat il-ħajt min-naħa tal-proprjeta` tagħha bil-ġebel.

**8.** *L-ispoll*: Il-konvenuta appellanti nomine targumenta li ladarba l-attriċi appellata ma kellhiex il-pussess ma setgħetx tiġi disturbata fil-pussess. Tispjega wkoll li meta hija għalqet il-bieb min-naħa tal-proprjeta` tagħha bil-ġebel dan għamlitu mingħajr ma messet il-bieb li kien jinfetaħ 'il ġewwa u li baqa' hekk installat.

**9.** *Iż-żmien ta' xahrejn:* Il-konvenuta appellanti nomine targumenta li jekk kien fil-31 ta' Awwissu 2001 li l-attriċi daħlet fil-proprjeta` ta' Azzopardi mill-bieb in kwistjoni, allura fid-data li ġiet istitwita l-kawża (1 ta' Novembru 2001) it-terminu ta' xahrejn kien skada.

<u>3) Il-grad ta' prova:</u>

**10.** Il-konvenuta appellanti ssostni li l-attriċi ma laħqitx il-grad ta' prova rikjest minnha bil-liġi biex hija tirnexxi fil-kawża odjerna, u tilmenta li d-dottrina u l-ġurispudenza li fuqha mxew il-qrati tagħha f'azzjonijiet ta' spoll ma ġewx applikati korrettement f'din il-kawża.

<u>4) Xhieda tal-konvenuta appellanti nomine:</u>

**11.** Tgħid ukoll li l-ewwel qorti skartat kompletament ix-xiehda (li mhux interessati fil-kawża) u l-provi kollha tagħha u straħet biss fuq dak li qalu x-xiehda tal-attriċi.

<u>5) Parżjalita` tal-ewwel qorti</u>

**12.** Tilmenta li l-ewwel qorti ma kinitx indipendenti u imparzjali fid-deċiżjoni tagħha stante li fuq il-provi li kellha ma setgħetx oġġettivament tasal għall-konklużjonijiet li waslet għaliha.

<u>6) Il-każ tal-konvenuta appellanti nomine:</u>

**13.** Finalment tissottometti li hija ppruvat ampjament il-każ tagħha u li konsegwentement l-ewwel qorti ma setgħetx oġġettivament tasal għad-deċiżjoni li għaliha waslet.

**Risposta tal-appell tas-soċjeta` tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M ippreżentata minn Mary Jane Xuereb, Superjura tal-istess soċjeta` għan-nom u in rappreżentanza tal-istess**

**14.** Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex turi għaliex is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

<u>L-allegat nuqqas ta' mandat:</u>

**15.** Dwar dan l-aggravju s-soċjeta` appellata targumenta li Dr Vella qatt ma ċaħdet li hija prokuratriċi u ppreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha f'din il-veste. Hija taċċenna għall-fatt li kif tajjeb irrimarkat l-ewwel qorti, Dr Vella fl-istess nota tal-eċċezzjonijiet ammettiet li hija prokuratriċi, u f'din il-kapaċita` qanqlet xejn anqas minn sitt eċċezzjonijiet. Dwar is-sitt eċċezzjoni, targumenta li min jaqraha għandu jifhem mis-sens litterali u grammatikali tagħha li l-avukatessa kienet qed tirriserva li tiċċara l-eċċezzjonijiet tagħha billi hija kienet prokuratriċi u preżumibbilment bħala tali mhix bil-fors li kienet taf il-fatti di xjenza proprja. Tgħid ukoll li ladarba l-avukatessa aċċettat li tidher bħala prokuratriċi, hija, s-soċjeta` attriċi, ma kellha l-ebda ħtieġa li ġġib prova dwar dan, u li huwa ben magħruf li min iħalli atti nulli mexjin ma jistax iqanqal id-difett tagħhom fi stadju inoltrat tal-kawża wara li jħallihom għaddejjin.

**16.** Dwar il-punt li qajmet l-appellanti, u cioe` li kellha tirrispondi għall-kawża fil-veste ta' prokuratriċi anke jekk mhix għax inkella taqa' kontumaċi, is-soċjeta` appellata tgħid li dan huwa spropożitu legali kbir għaliex hija setgħet twieġeb personalment u teċċepixxi li ma kinitx prokuratriċi u tieqaf hemm, u b'daqshekk Josephine Azzopardi ma kinitx se taqa' fi stat kontumaċjali.

<u>*Vim vi repellere licet*</u>

**17.** Dwar l-aggravju li l-ewwel qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni tal-prinċipju ta' *vim vi repellere licet*, is-soċjeta` appellata ssostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli billi qatt ma tqanqal mill-konvenuta appellanti nomine quddiem l-ewwel qorti, anzi dan il-punt jikkostitwixxi kwistjoni ġdida li qegħdha titqanqal għall-ewwel darba quddiem qorti ta' reviżjoni u għalhekk mhux permess li jitqanqal f'dan l-istadju.

**18.** Fi kwalunkwe każ, iżżid tgħid li dan il-prinċipju ta' *vim vi repellere licet* (jiġifieri li huwa leċitu f'ċerti limiti u taħt ċerti kundizzjonijiet li tilqa' għall-vjolenza permezz ta' vjolenza) huwa għal kollox infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u tagħmel diversi riferenzi għall-każistika u insenjamenti ta' awturi legali li jittrattaw dan il-prinċipju.

**19.** Hija targumenta li jekk għall-grazzja tal-argument biss is-soċjeta` M.U.S.E.U.M ikkommettiet spoll meta fetħet bieb li qatt ma kien imsakkar u aċċediet fil-bitħa msemmija mill-konvenuta appellanti nomine, allura kien att klandestin mhux vjolenti u għalhekk ma kien hemm l-ebda forza li setgħet ġegħlitha tuża forza hija wkoll bħala att ta' awto-difiża. Taċċenna wkoll għall-fatt li ma nġabet l-ebda prova dwar il-jum li fih ingħalaq il-bieb bil-briks u cioe` kemm għadda żmien minn meta membri tal-M.U.S.E.U.M daħlu fil-bitħa sakemm tqegħdu l-briks, u ssostni li ma kien hemm l-ebda proporzjonalita`.

<u>*Infra bimestre deduxisse*</u>

**20.** Dwar dan l-element is-soċjeta` appellata tinsisti li mhux minnu li l-kawża saret wara li skada t-terminu għax l-ewwel ġurnata ma tgħoddx għall-komputazzjoni tat-terminu.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

<u>1) Il-mandat o meno li kellha Dr Monica Vella:</u>

**21.** L-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti nomine Dr Monica Vella jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti skartat is-sottomissjoni tagħha li hija ma hix prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha fil-fatt il-konvenuta appellanti nomine irriteniet li l-kawża odjerna hija nulla għaliex ġiet istitwita erronjament kontriha bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi meta dan mhux minnu.

**22.** Kurjożament in-nullita` tal-kawża għar-raġuni li l-istess kawża ġiet allegatament istitwita erronjament ma tqajmitx bħala eċċezzjoni. Anzi s-sitt eċċezzjoni mqanqla minn Dr Monica Vella "bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi" tgħid proprju hekk:

*"6. Illi, in kwantu prokuratriċi, l-esponenti tirriserva illi teċċepixxi ulterjorment u li tiċċara u tikkwalifika l-eċċezzjonijiet tagħha nomine."*

**23.** Għalhekk huwa minnu li, kif osservat l-ewwel qorti, Dr Monica Vella kienet qegħda *"tammetti b'mod inekwivoku li hija l-prokuratriċi tagħha".* Kif osservat ukoll l-ewwel qorti, matul il-kors kollu tas-smiegħ tal-kawża Dr Monica Vella ma sabet l-ebda diffikulta` biex tiddefendi l-interessi tal-klijenta tagħha, u dan għamlitu mhux biss bħala difensur tagħha iżda wkoll bħala prokuratriċi tagħha. Hekk per eżempju din il-qorti tinnota li f'rikors għal differiment datat 15 ta' Novembru 2002, Dr Monica Vella kitbet hekk "*Illi l-esponenti hija prokuratriċi tal-intimata kif ukoll qed tippatroċina lill-intimata fil-kawża odjerna*".[8] F'rikors ieħor għal differiment datat 24 ta' Mejju 2005, Dr Monica Vella noe reġgħet kitbet hekk: "*Illi l-esponenti hija prokuratriċi tal-konvenuta kif ukoll qed tippatroċina lill-konvenuta fil-kawża odjerna.*"[9]

**24.** Di piu` jirriżulta li Josephine Azzopardi nnifisha kienet a konoxxenza tal-proċeduri u għalhekk a konoxxenza wkoll tal-fatt li Dr Monica Vella tħarrket bħala prokuratriċi tagħha. Hija dehret personalment kemm quddiem l-ewwel

---

[8] Fol 39
[9] Fol 77

qorti kif ukoll quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nominat minnha, fejn anke xehdet *vive voce* minn jeddha u in kontro-eżami u fl-ebda stadju ma qatt irrilevat li Dr Monica Vella ma kinitx fil-fatt prokuratriċi tagħha jew li l-kawża ġiet istitwita ħażin. Għalhekk li Dr Monica Vella kienet fil-fatt prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi jirriżulta mhux biss mid-diversi ammissjonijiet ta' Dr Monica Vella f'dan ir-rigward, iżda wkoll mill-parteċipazzjoni ta' Josephine Azzopardi stess fil-kawża.

**25.** Huwa verament sorprendenti kif <u>għaxar (10) snin</u> wara li ġiet intavolata l-kawża kontra Dr Monica Vella bħala prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi, (tul liema żmien (1) Dr Monica Vella kkonfermat diversi drabi li hija kienet fil-fatt prokuratriċi tagħha, u (2) l-istess Josephine Azzopardi kienet a konoxxenza tal-proċeduri li kienu għaddejjin kontra Dr Monica Vella "*bħala prokuratriċi tal-imsiefra Josephine Azzopardi*") tfaċċat nota ta' sottomissjonijiet[10] fejn tqajmet in-nullita` tal-kawża minħabba li ġiet "erronjament" istitwita kontra Dr Monica Vella bħala prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi. Kellha ampjament raġun l-ewwel qorti in vista taċ-ċirkostanzi msemmija li tiskarta din l-allegazzjoni tan-nullita` (apparti l-fatt li lanqas biss tqajmet bħala eċċezzjoni, iżda sempliċiment bħala sottomissjoni, xahar qabel ma ingħatat is-sentenza!!).

**26.** U hekk ukoll ser tagħmel din il-qorti. Dan l-aggravju (li huwa bażikament repetizzjoni tal-ewwel parti tas-sottomissjonijiet li kienu ġew ippreżentati fil-31 ta' Awwissu 2011) jisħaq fuq il-fatt li s-soċjeta` attriċi naqset milli ġġib provi li Dr Monica Vella hija il-prokuratriċi ta' Josephine Azzopardi. Dan l-aggravju, in vista taċ-ċirkostanzi fuq spjegati, huwa assolutament infondat u għalhekk ser jiġi skartat.

<u>2) L-elementi tal-azzjoni ta' spoll:</u>

[10] Il-kawża ġiet intavolata fl-1 ta' Novembru 2001 u nota ta' sottomissjonijiet fejn tqajmet in-nullita` tal-azzjoni minħabba li ġiet erronjament istitwita kontra Dr Monica Vella ġiet ippreżentata fil-31 ta' Awwissu 2011.

**27.** It-tieni aggravju jikkonċerna t-tlett elementi ta' spoll (u cioe` il-pussess, l-att spoljattiv u li l-kawża tiġi istitwita fi żmien xahrejn mill-molestja). Skont l-appellanti, l-ebda waħda minn dawn l-elementi ma kienet tissussisti.

**28.** *Il-pussess:* Il-konvenuta appellanti nomine ssostni li s-soċjeta` attriċi ma ppruvatx li kellha l-pussess tal-użu tal-bieb in kwistjoni peress li minn meta saret id-diviżjoni tal-fond fl-1941 il-bieb qatt ma ntuża minnha u dan għaliex kien ġie imbarrat b'fallakki tal-injam u xkafef min-naħa ta' Giovanni Spiteri, missier Josephine Azzopardi u predeċessur fit-titolu tagħha. Hija anzi targumenta li kienet is-soċjeta` attriċi stess li kkommettiet spoll kontra Josephine Azzopardi meta fil-31 ta' Awwissu 2001 daħlet fil-bitħa tagħha mill-bieb in kwistjoni u kienet proprju b'konsegwenza ta' dan l-aġir li hija imblukkat il-ħajt min-naħa tal-proprjeta` tagħha bil-ġebel kif kellha dritt li tagħmel ai termini tal-prinċipju "*vim vi repellere licet*".

**29.** Qabel ma tikkunsidra dan l-element tal-pussess ikun opportun li jiġi spjegat kif inhuma l-ambjenti in kwistjoni. Iż-żewġ fondi tal-kontendenti (fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex) kienu oriġinarjament fond wieħed li inqasmu fl-1941 permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni. Il-linja diviżjorja ma ġietx fiżikament delimitata u teżisti kontestazzjoni bejn il-partijiet fejn tinsab din il-linja. Bejn iż-żewġ fondi hemm bieb li jinfetaħ għal ġol-fond tas-soċjeta` attriċi. Fuq in-naħa l-oħra ta' dan il-bieb hemm il-bitħa tal-fond ta' Josephine Azzopardi li għamel żmien mikri lil ċertu Djonisju Tabone.

**30.** Il-bieb bejn il-fondi huwa tal-injam u għandu twieqi tal-ħġieġ u kontraporti. Jirriżulta mix-xhieda prodotti li fiż-żmien li l-post kien mikri lil Tabone il-bieb in kwistjoni kien ikun imsakkar u kien jitħalla fuq il-ħġieġ. Wara li l-post tbattal beda imbagħad jinfetaħ il-bieb.

*Provi dwar il-pussess o meno tas-soċjeta` attriċi appellata:*

**31.** <u>Mary Jane Xuereb</u> (is-superjura) xehdet li l-bieb kien jissakkar biss min-naħa tal-M.U.S.E.U.M. Spjegat li minħabba li Tabone kien iżomm il-klieb fil-bitħa huma ma

kinux jidħlu fiha, iżda "*Madanakollu l-bieb kien dejjem miftuħ fuq il-ħġieġ*"[11]. Kontro-eżaminata[12] reġgħet qalet li għalkemm il-bieb kien dejjem imsakkar min-naħa tal-M.U.S.E.U.M., ix-*shutters* dejjem kienu jkunu miftuħin. Mistoqsija jekk dak in-nhar li daħlet mal-avukat Dr Michael Grech (31 ta' Awwissu 2001) kinitx l-ewwel darba li kienu daħlu fil-bitħa bħala tal-Mużew, hija qalet li kien wara l-mewt ta' Nisju li huma bdew jiftħu l-bieb. Mistoqsija speċifikatament meta kienet l-ewwel darba li niżlu fil-bitħa, hija tenniet "*Dik, meta miet.*"

**32.** John Tabone, iben Djonisju Tabone xehed li jaf li tal-M.U.S.E.U.M. kellhom bieb li jagħti għall-bitħa li kienet mikrija għand il-ġenituri tiegħu u jiftakar li l-bieb kien jinżamm dejjem magħluq iżda bil-purtelli miftuħin "*biex il-Mużew ikollhom ftit iktar dawl minn ġol-ħġieġ ta' dan il-bieb*[13]." Żied jgħid li l-bieb kellu żewġ xkaffi minn naħa għal oħra u ommu kienet tpoġġi xi xtieli u qsari fuqhom.

**33.** Josephine Azzopardi xehdet li fiż-żmien li l-post kien mikri lil ta' Tabone il-bieb kien jinżamm magħluq u wieħed ma setax jaċċedi għall-bitħa minnu peress li kien hemm il-fallakki u x-xtieli. Xehdet ukoll li *"…lil oħti Mary qalulha li tal-mużew qegħdin jidħluli fil-post.*"

**34.** Żewġha Carmelo Azzopardi jikkonferma li Tabone kien għamel l-injam pero` xehed ukoll li meta miet "*kien hemm xi ħadd li neħħa dak kollu.*"[14] Mistoqsi jekk kienux hu u martu li neħħew l-injam, irrisponda "*Ma nafux min*".

**35.** Il-kuġin tas-superjura, Francis Attard, li jiftakar il-post minn ċkunitu, u li baqa' jmur hemm minn żmien għal żmien biex jagħmel xi bżonnijiet żgħar li jinqalgħu fil-post, xehed li meta Djonisju u martu mietu *"bejn sentejn u nofs u tlieta, dan il-fond ġie vakat u l-Museum bdew jagħmlu użu liberu mill-bitħa."*[15] Kontro-eżaminat[16] ikkonferma li *"…jien stess kont inkun narma l-presepju, u wara li miet*

[11] Affidavit ta' Mary Jane Xuereb, 5 ta' Marzu 2002, fol 10 et seq
[12] Kontro-eżami ta' Mary Jane Xuereb, 22 ta' Ġunju 2002, fol 94 et seq
[13] Affidavit ta' John Tabone, 25 ta' April 2006, fol 119 et seq
[14] Xhieda ta' Carmelo Azzopardi, 19 ta' Lulju 2004, fol 64 et seq
[15] Affidavit ta' Francis Attard, 27 ta' Ġunju 2002, fol 35 et seq
[16] Kontro-eżami ta' Francis Attard, 22 ta' Ġunju 2005, fol 108 et seq

*Nisju, il-bieb jew kien ikun miftuħ jew kont niftħu biex ikolli d-dawl.*"

**36.** Jidher għalhekk li fiż-żmien li l-post kien mikri lil Tabone il-bieb kien jinżamm magħluq u jitħalla fuq il-ħġieġ għad-dawl, imbagħad meta l-post ġie vakat, il-bieb kien beda' jinfetaħ u minnu kien hemm aċċess liberu għall-bitħa. Għalhekk meta fil-31 ta' Awwissu 2001 Mary Jane Xuereb daħlet fil-bitħa ta' Josephine Azzopardi mal-avukat tagħha, din ma kinitx l-ewwel darba li tal- M.U.S.E.U.M. kienu għamlu użu mill-bieb biex jidħlu fil-bitħa. Sas-sena 2000[17] tal-M.U.S.E.U.M. kienu jużaw il-bieb għad-dawl u wara din is-sena kienu jużawh ukoll biex jaċċedu minnu għall-bitħa. (Kif diġa ġie espost, Josephine Azzopardi stess xehdet li oħtha kienet qaltilha li kienu qalulha li tal-M.U.S.E.U.M kienu qegħdin jidħlulha fil-post: il-fatt li użat il-kliem "*qegħdin jidħluli*" ifisser li kienet a konoxxenza tal-fatt li kienu qegħdin jaċċedu mill-bieb għal ġol-bitħa b'mod regolari.) Jirriżulta għalhekk li qabel ma ttella' l-ħajt li bih ġie imblukkat il-bieb, tal-M.U.S.E.U.M kienu jgawdu kemm dawl u kemm aċċess għall-bitħa mill-istess bieb. Għal diversi snin kellhom il-pussess tad-dawl u għal madwar sena qabel ma ġie imblukkat il-bieb kellhom ukoll il-pussess tal-bitħa.

**37.** Il-konvenuta appellanti nomine tqajjem id-difiża tal-*"vim vi repellere licet*", u targumenta li l-imblukkar tal-bieb sar bħala reazzjoni għall-fatt li fil-31 ta' Awwissu 2001 daħlulha fil-bitħa mill-istess bieb. Kif tajjeb osservat is-soċjeta` attriċi appellata pero`, din id-difiża qatt ma tqajmet quddiem l-ewwel qorti u għalhekk qatt ma ġiet evalwata minnha. Tqajmet propju fir-rikors tal-appell, u għalhekk bħala kwistjoni ġdida mhix ser tiġi kkunsidrata minn din il-qorti, li hija waħda ta' reviżjoni.

**38.** *L-ispoll:* Il-konvenuta appellanti nomine targumenta li ladarba s-soċjeta` attriċi ma kellhiex il-pussess ma setgħetx tiġi disturbata fil-pussess. Kif diġa ġie ritenut, is-soċjeta attriċi effettivament kellha l-pussess, u għalhekk

---

[17] Josephine Azzopardi tikkonferma li Nisju Tabone u martu mietu fl-2000. (ara xhieda a fol 48 et seq)

bl-imblukkar tal-bieb bil-ġebel hija ġiet ddisturbata fil-pussess tagħha.

**39.** *Xahrejn:* Il-konvenuta appellanti ssostni wkoll li l-kawża ma ġietx istitwita fi żmien xahrejn mid-data tal-ispoll. Jirriżulta li fil-31 ta' Awwissu 2001 Mary Jane Xuereb, l-Avukat Michael Grech, u Francis Attard daħlu fil-bitħa tal-konvenuta, biex jikkonstataw aħjar kif setgħet tinqasm il-bitħa u l-mandra retrostanti. Għalhekk sa din id-data il-bieb kien għadu mhux imblukkat. Fis-6 ta' Settembru 2001 imbagħad, is-Superjura Mary Jane Xuereb innutat li l-bieb li jagħti għall-bitħa kien ġie imbarrat bil-ġebel.[18] Isegwi għalhekk li l-bieb ġie imblukkat f'xi żmien bejn il-1 ta' Settembru u l-5 ta' Settembru 2001. Għalhekk kif ikkonkludiet l-ewwel qorti, ladarba l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-1 ta' Novembru 2001 kienu għadhom ma skadewx ix-xahrejn konċessi mil-liġi.

3) Il-grad ta' prova.

**40.** Il-konvenuta appellanti nomine ssostni li s-soċjeta` attriċi appellata ma laħqitx il-grad ta' prova rikjesta minnha mil-liġi biex tirnexxi fil-kawża odjerna u tilmenta li għalkemm l-ewwel qorti enunċjat id-dottrina u l-ġurispudenza li fuqha mxew il-qrati tagħha f'azzjonijiet ta' spoll, hija naqset li tapplikahom korrettement fil-kawża odjerna. Din l-allegazzjoni hija kompletament infondata fil-fehma ta' din il-qorti. L-ewwel qorti wara li eżaminat l-atti waslet għall-konklużjoni li s-soċjeta` attriċi irnexxhielha tipprova t-tlett elementi rikjesti biex wieħed jirnexxi f'azzjoni ta' spoll; konlużjoni kondiviża minn din il-Qorti.

4) Xhieda tal-appellanti nomine

**41.** Il-konvenuta appellanti nomine tilmenta li l-ewwel qorti skartat kompletament ix-xiehda u l-provi miġjuba mill-konvenuta u straħet fuq dak li qalu x-xiehda tas-soċjeta` attriċi. Għandu jingħad li għalkemm qorti tista' ma tagħmilx riferenza diretta għal xi xiehda partikolari tal-konvenuta nomine dan ma jfissirx li ma tkunx eżaminat tali

---

[18] Affidavit ta' Mary Jane Xuereb, 5 ta' Marzu 2002, fol 10 et seq

xiehda. L-ewwel qorti fil-kawża odjerna għażlet li tikteb fil-qosor u bażikament niżżlet is-sustanza ta' dak li rriżultalha mill-provi li eżaminat. Din il-qorti tikkonferma li wara li hija wkoll eżaminat bir-reqqa l-provi kemm ta' naħa kif ukoll ta' oħra tasal għall-istess konklużjoni tal-ewwel qorti.

5) Parzjalita` tal-ewwel qorti:

**42.** Il-konvenuta appellanti nomine hawnhekk tilmenta li l-ewwel qorti ma kinitx indipendenti u imparzjali fid-deċiżjoni tagħha stante li fuq il-provi miġjuba ma setgħetx oġġettivament tasal għall-konklużjoni li waslet fid-deċiżjoni tagħha. Fuq l-istess provi din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi respint peress li l-Qorti ma tirraviża ebda nuqqas ta' imparzjalita` da parti tal-ewwel Qorti.

6) Il-każ tal-konventa appellanti:

**43.** Il-konvenuta appellanti essenzjalment tirrepeti l-aggravju preċedenti għalkemm f'diskors kemmxejn differenti billi ssostni li l-każ tagħha huwa ampjament pruvat u tirrepeti li l-qorti ma setgħetx oġġettivament tasal ghad-deċiżjoni li waslet għaliha. Għalhekk għall-istess raġunijiet li minħabba fihom ġie respint l-aggravju preċedenti qiegħed jiġi respint ukoll dan l-aggravju.

Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta appellanti nomine u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenuta appellanti nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------